### Xogħol fil-Knisja

Xtaqna ħafna li x-xogħol kollu tar-restawr li qed isir fil-pasta tas-saqaf tal-knisja, kif ukoll dak tat-tużell tal-festa jitlesta sal-aħħar ta' Mejju, iżda x-xogħol wera ruħu aktar ikkumplikat minn kemm kien jidher fil-bidu, u minkejja li ppjanajna u stinkajna fhimna li mhux ser inlaħħqu narawhom lesti qabel il-festa ta' din is-sena. Żgur li ma kinitx tkun ħaġa għaqlija li ngħaġġlu x-xogħol sempliċement biex ngħidu li lestejna; għalhekk għal din is-sena se jkollna nagħmlu dan is-sagrifiċċju b'sens ta' responsabilità kbira lejn il-parroċċa u rispett lejn min qed jaħdem f'dan ix-xogħol. Niżgurakom iżda li minn dak li sar s'issa sew fuq it-tużell kif ukoll fis-saqaf tal-kor, fiduċjużi li se jkollna riżultat sabiħ ħafna u professjonali, kif jixraq lill-knisja tagħna u lill-komunità tan-Nadur. Minn qalbi nawgura l-ħidma t-tajba lil dawk kollha involuti u nirringrazzja lil tant voluntiera li bħalissa qed jgħinu b'diversi modi biex ikollna ġmiel ta' Bażilika li tkompli tkabbar il-ġieħ tal-Kbar Appostli Pietru u Pawlu.



### Ġabra għall-Festa

Minn nhar it-Tnejn 9 ta' Ġunju ser nibdew il-ġabra tal-knisja għall-festa ta' ġewwa, mużika, fjuri, armar u għall-ispejjeż relatati mad-dawl tal-knisja minn barra, id-dawl tal-pjazza u tat-toroq kollha tar-raħal: spiża li b'kollox tlaħħaq mal-€20,000. L-Arċipriet u xi helpers sejrin joħorġu jiġbru l-offerti tagħkom bieb bieb mill-4pm sat-8pm. Din se tkun l-unika ġabra għall-festa għalhekk inħeġġukom sabiex tkunu ġenerużi, fiduċjużi li nkunu nistgħu noffru festa mill-isbaħ kif tixraq lil raħalna u lill-għeżież patruni tagħna Pietru u Pawlu.

**Nitolbu u nifirħu lit-32 tifel u tifla li ser jirċievu s-Sagrament tal-Konfermazzjoni**



**L-Erbgħa 11 ta' Ġunju,** fil-5.30pm, se ssir **prova għall-kandidati** tal-Griżma fil-knisja.

**Il-Ġimgħa 13 ta' Ġunju**, fil-5.00pm tibda ċ-Ċelebrazzjoni tal-Griżma. Il-kandidati għandhom jinġabru fil-knisja 30 minuta qabel.

Nhar is-Sibt 7 ta' Ġunju fit-8.15am, nistednukom għal **Siegħa Adorazzjoni** fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù bi tpattija lill-qalb bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin.

Quddiesa mill-Isqof Anton Teuma **għall-koppji li żżewġu f'dawn l-aħħar 10 snin** (2015-2025) fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna ta' Pinu: nhar il-Ġimgħa 13 ta' Ġunju, fis-7.30pm, fis-Santwarju Ta' Pinu.

**Tberik tat-Tarbija fil-Ġuf**: nhar is-Sibt 14 ta' Ġunju fl-4.30pm fis-Santwarju Ta' Pinu.

Nhar is-Sibt 14 ta' Ġunju, ser ikun hemm ċelebrazzjoni taż-**Żwieġ li tibda fl-4.30pm** flok il-quddiesa tal-5.00pm, b'eċċezzjoni għal din id-darba biss.

Il-**bookings għall-intenzjonijiet tal-Quddies** minn Lulju sa Diċembru 2025 ser jiftaħ nhar it-Tnejn 9 ta' Ġunju mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am